TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/99/13/S

Manuel Cumbo
Vs
Joseph Mizzi ezercenti l-kummerc bhala Mizzi Renewable Energy

Illum 5 ta'Dicembru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Manuel Cumbo pprezentata fit-30 t'April,2013 u r-risposta ta' Joseph Mizzi ezercenti l-kummerc bhala Mizzi Renewable Energy ipprezentata fl-10 ta'Gunju,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-21 ta'Novembru,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'rebate' mahrug mill-Awtorita ta'Malta dwar ir-Rizorsi li ma bbenefikax minnu r-rikorrent Manuel Cumbo;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[3] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi inoltre dan l-artikolu, hemm ukoll l-artikolu 559 li jistipula li ghandha dejjem issir l-ahjar prova;

Illi mill-provi ma jirrizultax li l-intimat kien responsabbli biex japplika ghal tali 'rebate' mal-Awtorita ta'Malta dwar ir-Rizorsi;

Illi anzi f'ittra pprezentata fil-proceduri odjerni[4], jinghad li *"applikazzjonijiet taht l-iskema riedu jsiru mill-applikant qabel ix-xiri tal-apparat"*;

Illi dan juri bic-car u minghajr ebda dubbju li r-responsabilita tal-applikazzjoni ghal 'rebate' kienet tar-rikorrent u mhux tal-intimat;

Illi mill-provi imressqa, ma jirrizultax dak allegat mir-rikorrent;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad

[3] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"
[4] Ittra mibghuta lis-Sur Michael Cumbo mis-Sur P.Zammit f'isem l-Awtorita ta'Malta dwar ir-Rizorsi.

it-talba ta' Manuel Cumbo u Jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat Joseph Mizzi ezercenti l-kummerc bhala Mizzi Renewable Energy, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru